# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **23 TA' SETTEMBRU 2018**

**Magħmudija Komunitarja**

Illum is-Sibt 22 ta' Settembru 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5.15pm.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Għada l-Ħadd 23 ta' Settembru 2018 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-trabi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Bazaar Banda Sant'Anna**

Matul dan il-weekend fis-Sala San Ġwakkin qed issir Bazaar mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 25 ta' Settembru 2017 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Caritas Social Club**

It-Tlieta 25 ta' Settembru 2018 fid-9:30am fis-Sala Sant'Anna issir il-laqgħa tal-Caritas Social Club.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 27 ta' Settembru 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Seminar għall-Operaturi Pastorali**

Il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2018 ser norganizzaw Seminar għall-Operaturi Pastorali jiġifieri għall-persuni kollha involuti fil-Parroċċċa tagħna. Niltaqgħu għall-Quddiesa tas-6:30pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna u nibdew il-laqgħa flimkien. Jekk jogħġobkom idħlu fis-sagristija u ħudu karta ta' applikazzjoni.

**Tberik tal-Basktijiet tal-Iskola**

Il-Ħadd 30 ta' Settembru 2018 ser isir it-tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-quddiesa tad-9:15am. Il-ġenituri huma mħeġġa jġibu lil uliedhom għal din il-quddiesa li fiha ser jitbierku l-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika l-ġdida.

**Għaqda Nisa Sant'Anna**

It-Tnejn 1 ta' Ottubru 2018 fid-9:15am jibda l-Grupp tan-Nisa Sant'Anna fis-Sala Sant'Anna biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

**Festa tal-Madonna tar-Rużarju**

Il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Għalhekk nhar il-Ġimgħa fil-5:30pm jkun hawn is-saċerdoti għall-Qrar, fis-6:00pm nitolbu t-talba ta' filgħaxija tal-Knisja, fis-6:30pm quddiesa u wara purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju. Fit-8:00pm il-puċissjoni tasal fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna fejn tibda quddiesa b'suffraġju għall-benefatturi tal-Knisja Parrokkjali u tal-Villa Apap Bologna, il-Baruni u l-Barunessa Apap Bologna. Wara l-quddiesa fi spirtu ta' talb nakkumpanjaw lix-xbieha tal-Madonna lura lejn il-Knisja Parrokkjali. Inħeġġukom sabiex tattendu u flimkien nitolbu t-talba tar-Rużarju.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**

Il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru 2018 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2019. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Istitut Formazzjoni Pastorali**

Għal min jixtieq jiskopri aktar il-fidi nisranija, it-talb, l-ispiritwalità jew xi aspett ieħor, l-Istitut Formazzjoni Pastorali qed joffri 13-il kors differenti. Għal min hu interessat hemm l-inforazzjoni fuq in-noticeboard u fuq is-sit www.maltapfi.org

**Bidu tas-Sena Kateketika l-Ġdida.**

**Museum Subien**

Nhar il-Ħamis 27 jew nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru jibdew il-lezzjonijiet għat-tfal kollha fil-Museum tas-subien minbarra dawk li tilgħin Year 2. Dawk li se jkunu fil-Year 2 u li se jagħmlu l-ewwel Tqarbina fl-2019 jibdew bil-lezzjonijiet minn nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru jew nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru.

**Museum Bniet**

Il-Ħamis 27 ta' Settembru jibdew ukoll it-tfal kollha li jattendu fil-Museum tal-bniet minbarra dawk li tilgħin Form 1. Il-Form 1 bniet jibdew nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru jew nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru.

**Iċ-Ċentru tal-Munxar**

It-tfal li se jattendu fiċ-Ċentru tal-Munxar se jibdew minn nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru jew nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha nteressati li jieħdu t-tilqima tal-influwenza u għandhom minn 55 sena 'l fuq huma mitluba li jgħaddu d-dettalji tagħhom fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali sa nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2018.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 68 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali fil-qoffa apposta quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Uffiċċju Parrokkjali Ġdid**

Minn għada t-Tnejn 24 ta' Settembru 2018, l-Uffiċċju Parrokkjali ser jerġa' lura fi Triq San Ġorġ, mal-baħar, fejn kien fl-antik. Il-ħinijiet tal-uffiċċju baqgħu l-istess, nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn l-4.30pm u l-5.30pm.